# Fil-Qorti tal-Maġistrati (Malta)

## Bħala Qorti ta` Ġudikatura Kriminali

**Maġistrat dottor Aaron M. Bugeja M.A. Law, LL.D. (*melit*)**

**Il-Pulizija**

**vs**

**Christopher Abela**

Il-Qorti rat l-imputazzjoni miġjuba kontra **Christopher Abela** ID186269M li permezz tagħha huwa ġie akkużat talli fil-15 ta' Novembru 2014 għall-ħabta ta' 01:15 bħala l-persuna li kellu fuq ismu il-liċenza tal-ħanut Taboo Wine Bar, Cospicua Road, Paola :

(a) "hallejt li issir attivita' kummerċjali li qegħda f'żona urbata gennerat storbju li instemma' minn barra tal-post li ikkawża sikkatura u disturb lill-ġirien bid-daqq ta' mużika b'live bands jew mużika amplifikata jew mezzi oħra wara l-23:00hrs u dan bi ksura ta LS 441.07 tat-Tieni Skeda Reg 13 (10).

(b) Kif ukoll bhala persuna li f'ismek ghandek il-licenzja hallejt fil-hanut, kant jew hsejjes li setghu dejqu jew b'xi mod iehor iddisturbaw lill-girien u dan bi ksur ta' LS 10.09 Reg 23.

(c) Kif ukoll ma obdejtx l-ordnijiet leġittimi ta WPS 167 inkarigat minn servizz pubbliku, jew ma hallejtx jew fixkiltu waqt li kien qed jaghmel id-dmirijiet tiegħu, jew b'xi mod ieħor bla jedd, indħalt fi dmirijietu billi ma ħallejtx lil ħaddieħor jagħmel dak li b'liġi jkun ordnat jew jista' jagħmel, jew billi gibt fix-xejn jew hassart dak li ħaddieħor kien għamel skont il-liġi, jew b'xi mod ieħor li kien, kemm-il darba din id-disubbidjenza jew dan l-indħil ma kienux jaqgħu taħt disposizzjonijiet oħra ta' dan il-Kodiċi jew ta' liġi oħra u dan bi ksur tal-Art 338(ee) tal-Kap 9."

Rat l-atti tal-kawża;

Rat id-dokumenti u semgħet il-provi prodotti.

***<u>Ikkunsidrat : -</u>***

Il-Qorti hija konsapevoli mill-fatt li bejn il-parte civile u l-imputat żviluppat kontroversja li sfoċat f'ammont kbir ta' kwereli u kawżi kontra l-imputat mill-parte civile. Din il-Qorti għalhekk ġabret flimkien dawk

il-kawżi kollha li kienu jittrattaw l-istess meritu bejn l-istess partijiet u għażlet li tittrattahom kollha flimkien għall-ekonomija tal-ġudizzju. Inoltre, il-Qorti kienet sa mill-bidu nett, fil-preżenza tal-partijiet debitament assistiti, ordnat sabiex ix-xiehda tal-parte civile, r-relazzjonijiet tal-Professur Joseph Agius u r-rappreżentant tal-Awtorita ta' Malta dwar it-Turiżmu ikunu meħuda b'xiehda f'dawk il-kawżi kollha li kienu jinvolvu lill-imputat u l-parte civile u li l-Qorti ordnat li għandhom jiġu mismugħa kontestwalment, naturalment safejn tali xiehda kienet applikabbli u dan għall-fini tal-ekonomija tal-ġudizzju u tal-ħin stante n-numru kbir ta' kawżi li kienu ġew intavolati.

Illi fir-rigward tal-ewwel żewġ imputazzjonijiet, il-Qorti tosserva li din il-kwerela meritu ta' dan il-każ saret għall-ħabta tal-01:15. Il-Qorti tista' tifhem li għall-kwerelant li jisma' l-istorbju ġej mill-fond adjaċenti f'dawk il-ħinijiet tal-lejl kien qiegħed ikun ta' sikkatura. Il-Qorti rat li l-imputat huwa liċenzat biex jopera l-ħanut bl-isem ta' Taboo Snack Bar bħala "Snack Bar Second Class". Illi pero l-ġestjoni ta' din l-attivita permezz ta' liċenza ma tfissirx li huwa jista' jopera mingħajr konsiderazzjoni xierqa għar-regoli tal-bwon viċinat jew mingħajr ma possiblment jinkorri fi ksur ta' liġi penali ordinarja fil-każ t'infrazzjoni ta' tali liġi sempliċiment għax huwa fil-pussess ta' liċenza.[1] Inoltre kwalunkwe liċenza ma tippreġudikax id-drittijiet ta' terzi li jkunu

[1] Ara obiter ***Il-Pulizija vs. Raymond Spiteri***, Qorti tal-Appell Kriminali, VDG, deċiża nhar l-20 ta' Novembru 1998.

protetti mill-Liġi.[2] Illi l-imputat huwa marbut li jimxi mal-kondizzjonijiet tal-liċenza u anzi għandu jqis bħala insita fil-liċenza, bla ebda bżonn li tiġi espressament enunċjata, illi l-użu awtorizzat għandu jkun skont, eżerċitat b'rispett u fil-limiti tal-liġi.[3]

Illi l-kwistjoni hi jekk bid-daqq ta' mużika fid-data, ħin u lok inkriminati, l-imputat kienx qiegħed jikkommetti r-reat kriminali kontestat lilu.

Skont ir-Regolament 13 tal-Avviż Legali 1 tal-2006 : -

> **13.** (1) Liċenza tinħareġ f'isem individwu personalment jew f'isem soċjetà jew kumpannija kummerċjali u l-indirizz għandu jkun l-indirizz tal-post kummerċjali.
>
> (2) Il-liċenza għandha tinħareġ b'riferenza għall-kategoriji applikabbli u tipi ta' attivitajiet kummerċjali skont il-permess tal-iżvilupp maħruġ mill-awtorità rilevanti.
>
> (3) Mingħajr preġudizzju għal kull disposizzjoni oħra tal-liġi li tapplika dwar attività kummerċjali, liċenza maħruġa taħt dawn ir-regolamenti għandha tkun soġġetta għall-kondizzjonijiet li japplikaw kif inhuma mniżżla fit-Tieni Skeda.

It-Tieni Skeda tippreskrivi li :

---

[2] Ara ***Bugeja vs. Washington*** deċiża mill-Qorti tal-Appell (Sede Ċivili) nhar il-5 ta' Mejju 1897 kif kwotata mill-Imħallef William Harding fis-sentenza ***Il-Pulizija vs. Anthony Cuschieri et***, Qorti Kriminali (sede t'appell), WH, deċiża nhar is-16 ta' Diċembru 1946.

[3] Ibid.

> L-kondizzjonijiet li ġejjin għandhom japplikaw għall-postijiet kummerċjali kollha kemm jekk mhux liċenzjati u kemm jekk liċenzjati minn xi awtorità u regolati minn xi leġislazzjoni.
>
> 02. L-attività kummerċjali ġestita fil-post u oġġetti maħżuna ġewwa l-post ma għandhomx:
>
> 02.1 ikunu ta' sikkatura għan-nies tal-madwar;
>
> 02.2 ikunu tali li x'aktarx jagħtu lok għal ħruq jew splużjoni;
>
> 02.3 ikunu jitfgħu rwejjaħ ħżiena, dħaħen, fwar, gassijiet, trabijiet jew inkella jitfgħu rwejjaħ noċivi jew offensivi fl-atmosfera li jistgħu iħassru jew jipperikolaw is-saħħa;
>
> 02.4 jikkaġunaw sikkatura bil-ħoss tagħhom.
>
> 04. Attività kummerċjali li tista' tiġi ġestita minn xi post jew minn barra ta' post huwa regolat minn dawn ir-regolamenti.

Inoltre, l-istess Tieni Skeda żżid li

> 10. L-ebda attività kummerċjali li qegħda f'żona urbana ma tista' tiġġenera storbju li jista' jinstema' minn barra tal-post li jikkawża sikkatura u disturb lill-ġirien bid-daqq ta' mużika b'*live bands* jew mużika amplifikata jew mezzi oħra bejn il-11.00 p.m. u d-9.00 a.m. tal-għada u bejn is-1.00 p.m u l-4.00 p.m.

Fil-fehma tal-Qorti inkonvenjent ġew minn storbju jista' jiġi meqjuż bħala forma ta' sikkatura dipendenti miċ-ċirkostanzi tal-każ. Verament li mhux kull inkonvenjent huwa kriminalment ċensurabbli u punibbli. Biex dan l-inkonvenjent ikun kriminalment punibbli jrid ikun wieħed pruvat li kien serju f'sens oġġettiv, irid ikun wieħed sostanzjali u mhux

raġonevoli.[4] Inoltre, t-test li għandu jagħmel il-ġudikant għandu jkun wieħed oġġettiv[5] għalkemm fil-każ ta' inkonvenjent kaġunat minn ħsejjes il-Qorti trid tevalwa l-provi skont ix-xiehda tal-persuna jew persuni li jkunu disturbati mill-ħsejjes.[6] Huwa mħolli f'idejn il-ġudikant li jevalwa minn każ għal każ u *in concreto* jekk ikunx hemm l-inkonvenjent ravviżat mill-leġislatur li għandu jiġi evitat, u normalment ma hemmx ħtieġa li jitqabbad espert tekniku.[7]

Illi dwar in-natura tal-inkonvenjent u x'tifsira għandha legalment tingħata lil dan it-terminu, din il-Qorti tara li dak mistqarr mill-Imħallef William Harding fis-sentenza ***Il-Pulizija vs. Anthony Cuschieri et,*** deċiża mill-Qorti Kriminali (sede t'appell) nhar is-16 ta' Diċembru 1946 huwa importanti għad-determinazzjoni ta' dan il-każ. Dik il-Qorti għallmet illi l-inkonvenjent jissenja l-limiti tal-użu awtorizzat. Dan għandu jiġi interpretat fis-sens ta' kif dejjem ġie interpretat il-każ analogu ta' molestja f'kawżi ċivili fuq l-istess materja. Biss, *criminalibus,* il-limitu stabbilit m'għandux ikun biss dak applikabbli *civiliter* jiġifieri li jiġu eċċeduti l-miżuri ta' rigward lejn il-bwon viċinat li normalment għandhom jiġu rispettati. Fil-kamp penali hemm bżonn li l-fatt ikun jikkostitwixxi *nuisance* jiġifieri substantial inconvenience and material discomfort.[8] F'dan is-sens għalhekk l-inkonvenjent għandu jkun wieħed

---

4 Ara ***Il-Pulizija vs. Michael Grech***, Qorti tal-Appell Kriminali, PV, deċiża nhar is-30 t'April 1998.
5 Ibid.
6 Ara ***Il-Pulizija vs. Raymond Spiteri***, Qorti tal-Appell Kriminali, VDG, deċiża nhar l-20 ta' Novembru 1998.
7 Ara "Il-Pulizija vs. Fortun Fava", Qorti tal-Appell Kriminali, VDG, deċiża nhar il-5 ta' Frar 1998.
8 Hawnhekk l-Imħallef Harding jiċċita sentenza Ingliża "Walter vs Selfe" tal-1851 li hija riportata minn Burrows fil-Ktieb tiegħu "Words and Phrases Judicially Defined" fil-Volum III a pagna 524.

"gravi" u "mhux faċilment tollerabbli" ukoll kif deċiż l-appell ċivili fil-kawża fl-ismijiet ***Meli vs Calleja*** nhar il-5 ta' Frar 1908 ukoll ċitata fl-istess kawża.

Inoltre, l-istess inkonvenjent irid ikun wieħed meqjuż bħala "kontinwu u intens". Jekk ma jikkonkorrux dawn l-elementi il-każ ma jkunx jaqa' taħt is-sanzjoni tal-liġi penali u dan għaliex altrimenti, din kienet tolqot anke każijiet t'inkonvenjent ħafif, li allura jirrendi l-ħajja soċjali kważi impossibbli. Hawnhekk l-Imħallef Harding ikompli jikkwota lill-Kollega tiegħu Ingliż Pollock fis-sentenza ***Bamford vs. Turnley*** deċiż fl-1862 fejn ingħad li :

> The compromises that belong to social life, and upon which the peace and comfort of it mainly depend, furnish an indefinite number of examples where some apparent natural right is invaded, or some enjoyment abridged, to provide for the more general convenience or necessities of the whole community.

Kif ingħad aktar il-fuq, it-test Malti tal-Avviż Legali 1 tal-2006 fit-Tieni Skeda jitkellem fuq "sikkatura". Fit-traduzzjoni Ingliża tal-istess Avviż Legali, "sikkatura" ġiet tradotta bħala "*annoyance*". Fl-ilsien Malti it-terminu "sikkatura" huwa fl-ingliż tradott bħala "Importunity...boring, tiresome...to importune; to pester, to annoy people; to bore".[9] Mill-banda l-oħra t-terminu Ingliż "nuisance" huwa tradott għall-Malti bħala "n. (i) sikkatura, ksir il-għajn, ksir ir-ras... *private nuisance* xi inkonvenjenza għal numru żgħir ta' nies; *public nuisance*, inkonvenjenza

---

[9] Ara "Maltese-English Dictonary" by Joseph Aquilina, Volume Two M-Z and Addenda, Midsea Books Limited, 1999 f'paġna 1314.

għal numru kbir ta' nies...2. aġġ. Li jagħti fastidju/jdejjaq/jissikka n-nies; *nuisance value,* (ħaġa) li tiswa ta' disturb..."[10] Mill-banda l-oħra, l-kelma "annoyance" tfisser "n. (1) fastidju, dwejjaq, sikkatura, irritazzjoni" u dan wara li jiġi premess li l-verb "annoy" ifisser : "dejjaq, issikka, xabba', importuna, irrita".[11] Dan juri li fil-kuntest Malti dawn il-kliem "annoyance" u "nuisance" għandhom tifsira li hija kważi sinonima. Meta wieħed jara wkoll "The Shorter Oxford English Dictionary", ta' Little, Fowler u Coulson, editjat minn Onions, it-tifsira tal-kelma "annoyance" hija " 1. The action of annoying; molestation. 2. The state of feeling caused by what annoys; vexation 1502. 3. Anything annoying, a nuisance 1502".[12]

Mill-banda l-oħra t-tifsira tal-kelma "nuisance" skont l-istess dizjunarju hija "1. Injury, hurt, harm, annoyance. (In later use 2 or 2b.) 2. Anything injurious or obnoxious to the community , or to the individual as a member of it, for which some legal remedy may be found 1464. b. More widely; anythin obnoxious to the community or individual by offensiveness of smell or appreance, by causing obstruction or damage, etc 1661.... A source of annoyance".[13] Fil-fehma tal-Qorti dawn it-termini, fil-kuntest partikolari għandhom tifsira li hija kważi sinonima, għalhekk il-prinċipji legali li jirregolawhom għandhom jitqiesu l-istess.

---

[10] Ara "English- Maltese Dictonary" by Joseph Aquilina, Volume Three M-R, Midsea Books Limited, 1999 f'paġna 2023.
[11] Ara "English- Maltese Dictonary" by Joseph Aquilina, Volume One, Midsea Books Limited, 1999 f'paġna 79.
[12] Ara Volume 1, A – Markworthy, Clarendon Press, Oxford, paġna 74.
[13] Ibid paġna 1420.

Fil-fehma tal-Qorti, f'dan il-każ, u stando ma dak li xehdu l-parte civile u għar-relazzjoni tal-Professur Joseph Agius relattivament għall-ħsejjes li kienu qegħdin jiġu ġenerati mill-mużika li kienet qed tindaqq fl-istabbiliment ġestit mill-imputat f'dan il-każ, il-ħsejjes ġenerati mid-daqq ta' mużika jikkwalifikaw għal dak li ssemmi l-Liġi fit-tieni skeda bħala sikkatura fuq il-ġirien.

Dan huwa sorrett mill-fatt li fid-data tal-imputazzjoni de quo jirriżulta wkoll li kienet data li fiha l-Professur Joseph Agius kien għadu kif għamel, għall-ennesima volta, aċċess fuq il-post fuq ordni tal-Qorti, bit-tama li s-sors tal-problema tal-allegati ħsejjes għolja ta' mużika tiġi indirizzata u analizzata mill-lat tekniku. Anke hawnhekk fir-relazzjoni tiegħu il-Professur Agius innota li l-livell tal-ħsejjes mir-residenza tal-parte civile kienet għadha waħda li kienet taqbeż il-limiti stabbiliti mill-Organizzazjoni Mondjali tas-Saħħa f'dak li għandu x'jaqsam ma livelli ta' ħsejjes aċċettabbli għall-bniedem. Iżda din ix-xiehda hija msaħħa wkoll minn dik ta' PS1554 li kkonferma li huwa stess meta sar l-aċċess fir-residenza tal-parte civile semgħa ħoss ġew mill-ħajt li huwa ddeskriva bħala "damdim" ta' qisu xi ħadd qiegħed isammar – u dan kien għall-ħabta ta' 11:50 meta kien hemm ukoll il-Professur Agius fuq il-post.

Il-Qorti hija konvinta sal-grad rikjest mill-Liġi li f'din id-data inkriminata, l-imputat ikkommetta r-reati imsemmija fl-ewwel u t-tieni imputazzjoni.

Kwantu għat-tielet imputazzjoni pero, din il-Qorti ma tqisx li l-Prosekuzzjoni rnexxielha tipprovaha lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni.

# *Deċide*

Li għar-raġunijiet premessi filwat li ssib lill-imputat mhux ħati tat-tielet imputazzjoni u minnha tilliberah minn kull ħtija u piena, issibu ħati tal-ewwel u t-tieni imputazzjoni u wara li rat ir-regolamenti 13 tal-A.L. 1 tal-2006 (u li l-paragrafi 2.1 u 2.4 u 10 tat-Tieni Skeda jagħmel riferenza għalih) u r-regolament 53 tal-istess Avviż Legali 1 tal-2006, kif ukoll l-Artikoli 17, 18 u 20 tal-Kapitolu 441 tal-Liġijiet ta' Malta kif ukoll ir-regolament 23 tan-Notifikazzjoni tal-Gvern numru 392 tal-1929 kif emendata ossija L.S. 10.09 kif ukoll l-Artikoli 317 u 318 tal-Kapitolu 10 tal-Liġijiet ta' Malta tikkundanna lill-ħati għal ammenda komplessiva ta' ħames mitt euro (€500) u ai termini tal-Artikolu 20 tal-Kapitolu 441 tal-Liġijiet ta' Malta qegħda tissospendi l-liċenza mogħtija lill-imputat f'dak li għandu x'jaqsam mal-eserċizzju ta' dik l-attivita' kummerċjali żvolta mill-istabbiliment de quo għal perjodu ta' xahar.

*Mogħtija fl-4 t'Ottubru 2016 fil-Qrati tal-Ġustizzja, Valletta.*

*Aaron M. Bugeja*